# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 635/22/1 GM**

**Mary Louise Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

1. L-attriċi appellat mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Settembru 2023 li biha ċaħdet it-talbiet tal-attriċi.

2. Il-fatti prinċipali huma dawn:

i. Fil-31 ta' Awwissu 2021 l-Avukat Ġenerali ordnat li l-attriċi u l-kumpanija One Telecom Limited jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali

sabiex iwieġbu għall-akkużi li ser jinġiebu kontrihom għall-ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Att dwar Money Laundering (Kap. 373).

ii. Fl-1 ta' Settembru, 2021 kienet preżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja taħrika kontra l-attriċi u One Telecom Limited bl-imputazzjoni li wettqu *money laundering*, *inter alia* kkonvertew jew ittrasferew proprjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li l-proprjetà kienet inkisbet minn attività kriminali; ħbew jew urew ħaġa b'oħra tal-vera provenjenza ta' proprjetà meta kienu jafu jew jissuspettaw li nkisbet b'attività kriminali; akkwistaw u kellhom fil-pussess proprjetà meta kienu jafu jew jissuspettaw li kienet inkisbet minn attività kriminali; aġixxew bħala kompliċi fir-rigward tal-atti fuq imsemmija.

iii. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021 l-attriċi ddikjarat li mhijiex ħatja tal-imputazzjonijiet. Dakinhar wara li nstemgħu tliet xhieda, fosthom l-ispettur James Turner li spjega x'wassal biex jinbdew proċeduri kriminali kontra l-attriċi, il-Qorti ddikjarat li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-attriċi titpoġġa taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Ordnat ukoll li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali. Mill-verbal tas-seduta ma jirriżultax li d-difensur tal-attriċi talab jew għamel sottomissjonijet qabel ma ngħatat l-ordni mill-Qorti.

iv. Fil-proċeduri kriminali baqgħu jitressqu l-provi. Imbagħad b'nota tat-18 ta' Novembru 2022 l-Avukat Ġenerali ddikjarat li kien hemm difett peress li wara s-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022 l-atti waslu għandha fis-17 ta' Novembru 2022 u mhux fit-terminu ta' tlitt ijiem skont l-Art. 401(3) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk skont l-Art. 432 tal-Kodiċi Kriminali l-kumpilazzjoni kellha tibda mill-ġdid.

v. Fil-21 ta' Novembru 2022 inqraw l-imputazzjonijiet mill-ġdid u reġa' sar l-eżami tal-attriċi li wieġbet li mhijiex ħatja. Ġie verbalizzat ukoll li d-difiża *"mhux qed tagħti l-eżenzjoni tagħha"* u l-kawża tħalliet għall-provi dwar *prima facie* għas-seduta tat-23 ta' Novembru 2022.

vi. Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022 dakinhar l-attriċi talbet ir-rikuża tal-Maġistrat *ai termini* tal-Art. 734(1)(d) tal-Kap. 12. Talba li ġiet miċħuda u nstemgħu l-provi. Il-Qorti mmotivat id-deċiżjoni billi qalet:

> *"(i) Fl-ewwel lok ir-rinviju ta' ħamest ijiem intbagħat biex jiġu sanati l-atti wara li, bi zvista, il-proċess ma ntbagħatx lill-Avukat Ġenerali fi żmien stipulat fil-liġi;*
>
> *(ii) B'mod sekondarju jinghad li din il-Qorti lanqas qatt ma ressqet viċin xi pronunzjament fuq il-mertu kif jipprovdi l-imsemmi artikolu, tant li sal-lum il-ġurnata lanqas għandha kompetanza tagħti xi deċizjoni fuq il-mertu, ġaladarba skont l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, dan il-każ għandu jiġi ġudikat mill-Qorti Kirminali;*
>
> *(iii) Fit-tielet punt, at temini tal-Artikolu 569 tal-Kodiċi Kriminali, wara li jintbagħat rinvju mill-Avukat Ġenerali, il-proċeduri "jissoktaw" u mhux "jergħu jinbdew";*
>
> *(iv) Inoltre fis-seduta preċedenti ghal dik tal-lum, kien diġà sar l-ezami quddiem din l-istesss Qorti kif preseduta fejn ma tqajmet l-ebda eċċezzjoni dwar rikuża. Dakinhar, id-difiża kif kellha dritt, sempliċement ma eżentatx il-Qorti mis-smigħ mill-ġdid tal-provi;*

*(v) Jiġi emfasizzat li fil-kaz in deżamina ma kien hemm l-ebda bdil fl-akkużi u għalhekk il-provi baqgħu interament l-istess, u*

*(vi) Finalment jiġi sottolineat li meta kienet ser tingħata deċiżjoni dwar il-prima facie l-ewwel darba, id-difiża ma għamlet l-ebda kontestazzjoni fir-rigward."*

vii. Fl-istess seduta d-difensuri tal-attriċi eżentaw lill-prosekuzzjoni mill-bżonn li terġa' tressaq il-provi li kienu diġà nstemgħu u dan peress li d-difiża ma kinitx ser tagħmel sottomissjonijiet b'referenza jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-attriċi titqiegħed taħt att ta' akkuża; *"Dan pero qed isir mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni ulterjuri ta' natura kostituzzjonali li semmai jidhrilha li għandha tieħu"*. F'dik is-seduta stess il-Qorti ddikjarat li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-attriċi titqiegħed taħt att ta' akkuża.

viii. Kien fl-1 ta' Diċembru 2022 meta l-attriċi fetħet din il-kawża tilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem) u biex tingħata rimedju *inter alia* li l-proċeduri kriminali jiġu dikjarati nulli.

3. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"Huwa dedudiċċibli mill-Art. 739 tal-Kap. 12, illi t-talba għar-rikuża trid issir in limine litis jew fin-nuqqas malli min ikun parti fil-kawża jsir jaf biha. Dan għaliex jekk l-ilmentatur iħalli l-kawża miexja, jkun impliċitament irrinunzja għar-rikuża. Barra minn hekk, ikun wisq faċli*

*għal min ikollu skop li jtawwal il-kawża biex jirrikorri għall-istrateġimma tar-rikuża wara li l-kawża tkun imxiet sewwa; bir-riżultat li jinħlew il-ħin u r-riżorsi limitati tal-Qorti. F'dan il-każ it-talba għar-rikuża ma saritx fil-mument meta setgħet saret.*

*L-ilment ta' natura "kostituzzjonali" hu li l-maġistrat sedenti diġa` ddeċidiet fuq il-prima facie. Li għalhekk ma setgħetx terga' tippronunzja l-prima facie o meno fuq l-istess provi; iktar u iktar meta l-livell ta' provi huwa baxx ħafna u hemm lok għal-liberatorja. Kif tajjeb irrimarkat l-istess Onorevoli Maġistrat, id-difiża ma kienet għamlet l-ebda kontestazzjoni meta ġie ppronunzjat id-digriet tal-prima facie. F'dak l-istadju m'għamlet l-ebda sottomissjoni dwar dak li jidhrilha li hu l-livell baxx tal-provi. Din il-Qorti għalhekk issib li anke hawn allura kien hemml-akkwijixxenza tad-difiża għal dan id-digriet.*

*Ir-rikorrenti mhix qiegħdha titlob li l-każ jinstama' minn Maġistrat ieħor jew oħra, imma li tiġi ddikjarata n-nullita` tal-proċeduri. Mhix qiegħdha titlob li jissewwa l-allegat ksur ta' jedd fundamentali, imma li tapprofitta ruħha minnu biex tinħeles mill-proċeduri penali.*

*Fid-dawl tal-premess, il-Qorti sejra tieqaf hawn. Ittenni għall-enneżima darba li l-proċeduri "kostituzzjonali" mhumiex qegħdin hemm biex iservu ta' pretest biex jiġu mfixkla proċeduri ordinarji quddiem il-Qrati, inklużi dawk ta' kompetenza penali, li fl-istadju tal-kumpilazzjoni diġà huma labirintini. Lanqas biex de facto jservu ta' forma ta' reviżjoni jew appell. Wisq inqas f'każijiet fejn ir-rimedju taħt il-liġi ordinarja ma jintalabx u fejn ikun hemm akkwijixxenza għall-proċeduri li jkunu mexjin".*

4. B'rikors preżentat fl-10 ta' Ottubru 2023 l-attriċi appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti bl-aggravji jkunu li:

i. Mhuwiex minnu li l-attriċi ma kkontestatx il-pronunzjament li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja dwar *prima facie*. F'dan il-każ l-attriċi ma ddikjaratx li kien hemm biżżejjed provi dwar *prima facie*.

ii. L-attriċi tat l-eċċezzjoni ta' rikuża *ad limine litis*, ċjoè fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2023 meta bdew il-proċeduri mill-ġdid.

iii. L-attriċi kellha kull jedd li bħala rimedju titlob li l-Qorti tiddikjara l-proċeduri nulli. Ir-rimedju li għandu jingħata hu ampju. Apparti l-fatt li fit-tieni talba tar-rikors promotur talbet ukoll lill-Qorti sabiex tagħti dawk ir-rimedji li tqis li huma l-iktar xierqa sabiex jitwettaq id-dritt ta' smigħ xieraq.

5. Fid-19 ta' Ottubru 2023 wieġbu l-konvenuti u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

Konsiderazzjonijiet.

6. Skont l-Artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali, meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-Qorti tiddeċiedi *".... ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu"*.

*7.* Imbagħad skont Art. 432(2) tal-Kodiċi Kriminali meta l-atti tal-kumpilazzjoni ikunu difettużi, l-Avukat Ġenerali tista' titlob lill-Qorti sabiex il-kumpilazzjoni tibda mill-ġdid jew sabiex issir korrezzjoni, skont iċ-

ċirkostanzi. Il-liġi ma ssemmix li l-kompilazzjoni ġdida għandha ssir quddiem il-Qorti presjeduta minn Maġistrat differenti.

*8.* Fil-każ in eżami, l-Avukat Ġenerali sabet li wara s-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022 l-atti tal-kumpilazzjoni kienu intbagħtulha wara t-terminu li jissemma f'Art. 401(3) tal-Kodiċi Kriminali. Kien għalhekk li bin-nota tat-18 ta' Novembru 2022 talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tibda mill-ġdid il-kompilazzjoni:

> *"... u cioe':*
>
> *a. tisma' r-rapoort bil-ġurament tal-uffiċjal prosekutur,*
>
> *b. teżamina, bla ġurament lill-imputat,*
>
> *c. tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu r-rapport, salv eżenzjoni tad-difiża (liema eżenzjoni tapplika biss għas-smigħ tal-provi),*
>
> *d. tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża,*
>
> *e. u tagħlaqha fi żmien ħames ijiem tax-xogħol,*
>
> f. *u tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali kif previst fl-artikolu 432(2)(3) tal-imsemmi Kodiċi".*

9. M'hemmx dubju li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tagħti deċiżjoni meta tiddikjara li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. B'daqshekk ma tkunx qiegħda tiddeċiedi l-meritu tal-kawża jew b'xi mod tesprimi ruħha dwar il-ħtija tal-imputat. Il-kompitu tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mhuwiex dak li tiddeċiedi l-meritu tal-każ li jkollha quddiemha, iżda li quddiemha

jinġabru u jiġu konservati l-provi li eventwalment jintużaw quddiem il-Qorti li ser tiddeċiedi l-meritu. Id-deċiżjoni li biha l-Qorti tiddikjara li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u li tingħata *ai termini* tal-Artikolu 401(2), mhijiex deċiżjoni dwar *'criminal charge'*.

10. Issa f'dan il-każ l-ewwel darba li l-Qorti ddeċidiet li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-attriċi titpoġġa taħt att ta' akkuża, id-difiża m'għamlitx argumenti kontra l-għoti ta' deċiżjoni bħal dik. Evidenti li ma kinitx qiegħed tippretendi li f'dak l-istadju l-Qorti kellha tordna l-liberazzjoni tal-attriċi.

11. Meta tingħata l-ordni *ai termini* tal-Art. 402(1), il-Qorti sempliċement tiddikjara jekk l-imputat għandux *case to answer*. Ukoll f'każ ta' dubju, jekk hemmx jew le raġunijiet biżżejjed, id-deċiżjoni għandha tkun li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għall-ġurisprudenza estensiva li ssemmiet fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-każ Il-Pulizija v. Gianluca Caruana Curran et tat-3 ta' Marzu 2021. Rilevanti wkoll li fl-istadju li tittieħed deċiżjoni bħal dik il-Qorti tqis biss il-provi li jkunu tressqu mill-prosekuzzjoni (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti, Il-Pulizija v. Joseph Lebrun tad-9 ta' Frar 2007).

12. Hu fatt li l-kumpilazzjoni kellha terġa' tibda mill-ġdid, ladarba hekk talbet l-Avukat Ġenerali bin-nota tat-18 ta' Novembru 2022. Dan seħħ minħabba difett li sabet l-Avukat Ġenerali peress li wara s-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022, l-atti tal-kumpilazzjoni ma ntbagħtux lura fit-terminu kontemplat mil-liġi. Sfortuntament, ma jirriżultax li l-liġi tipprovdi għal rimedju prattiku meta jseħħ żball bħal dak, iktar u iktar meta tqis li ma nbidel xejn mis-sustanza.

13. F'dan il-każ il-provi ma nstemgħux mill-ġdid għaliex fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022 l-attriċi ddikjarat li qiegħda teżenta lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-provi mill-ġdid. Għalkemm l-hekk imsejjaħ stadju tal-*prima facie* hu essenzjali, b'daqshekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni dwar il-ħtija tal-imputat. Il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-imputat tibqa' impreġudikata.

14. Rilevanti wkoll kif fl-ewwel stadju, ċjoè meta kienu għadhom instemgħu tliet xhieda biss, l-attriċi għażlet li ma tagħmel l-ebda argument dwar kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex titqiegħed taħt att ta' akkuża. Issa li l-kumpilazzjoni bdiet mill-ġdid u l-prosekuzzjoni ressqet iktar provi, qiegħda tgħid li t-tieni darba riedet tagħmel sottomissjonijiet dwar il-*prima facie*. Li ma qalitx hu x'kienu dawk is-sottomissjonijiet. L-attriċi m'offriet l-ebda spjegazzjoni ta' x'inbidel mill-ewwel darba li l-Qorti qalet li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-attriċi titqiegħed taħt att ta' akkuża. F'dan ir-

rigward wieħed irid jiftakar ukoll li fejn ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet differenti, fl-istadju tad-deċiżjoni li trid tingħata *ai termini* tal-Art. 401(2) il-Qorti ma tistax tagħmel apprezzament ta' provi biex tara lil min temmen. L-apprezzament tal-provi jsir quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skont liema ser tisma' u tiddeċiedi l-meritu.

15. Spjegazzjoni li kienet meħtieġa jekk l-attriċi riedet tikkonvinċi lil din il-Qorti u ta' qabilha li kien essenzjali li l-Maġistrat tilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża, biex turi li oġġettivament ser tbati minn preġudizzju jekk il-kumpilazzjoni ssir quddiem l-istess Maġistrat ġialadarba trid tittieħed mill-ġdid id-deċiżjoni *ai termini* tal-Art. 401(2) tal-Kodiċi Kriminali.

16. Il-Qorti tosserva wkoll li kulma ntqal fid-deċiżjoni li ngħatat fil-15 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja hu li, *"hemm raġunijiet biżżejjed biex titqiegħed taħt att ta' akkuża"* mingħajr ma saru konsiderazzjonijiet dwar il-provi li kienu nstemgħu sa dak l-istadju. B'dik id-deċiżjoni l-Qorti ma daħlitx fil-meritu u l-istess deċiżjoni mhi tal-ebda konsegwenza fuq il-meritu. Dan ċertament ma kienx każ fejn fid-deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2021 il-Qorti qalet iktar minn dak li kien meħtieġ għall-finijiet tal-Art. 401(2) tal-Kodiċi Kriminali.

17. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ Onor. L. Sant v. Kummissarju tal-Pulizija tat-2 ta' April 1990. Però ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ kienu ferm differenti minn dawk tal-każ in eżami. L-ilment f'dik il-kawża kien li l-Maġistrat Inkwerenti fl-inkjesta kien l-istess ġudikant li qiegħed jippresjedi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni. Bir-raġunament tal-attriċi, ladarba l-Qorti tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, mela l-l-istess Maġistrat m'għandux jippresjedi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jekk il-meritu tal-kawża jintbagħat biex jiġi deċiż minn dik il-Qorti. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża l-Pulizija vs Joseph Lebrun tad-9 ta' Frar 2007. Ladarba deċiżjoni li fuqha hemm raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża ma jinċidi bl-ebda mod fuq il-meritu tal-kawża, meta l-Avukat Ġenerali jibgħat rinviju skont artikoli 370(3) u 433(5) tal-Kodiċi Kriminali, l-istess Maġistrat jista' jippresjedi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u jiddeċiedi l-meritu. L-istess jiġri fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tkun tal-fehma li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali (Art. 403(1) tal-Kodiċi Kriminali).

18. Din il-Qorti lanqas ma taqbel mar-raġunament tal-attriċi li l-eċċezzjoni ta' rikuża kellha tingħata fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022, meta kellhom jerġgħu jibdew jinstemgħu l-provi. Wara n-nota tal-Avukat Ġenerali datata 18 ta' Novembru 2022, reġgħet saret seduta quddiem il-Qorti fil-21 ta' Novembru 2022. Dakinhar fil-preżenza tal-attriċi u d-difensur tagħha, reġgħu inqraw l-imputazzjonijiet u l-attriċi ddikjarat li mhijiex ħatja filwaqt li ma weġbitx fir-rigward tal-kumpanija One Telecom Limited. F'dak l-istadju l-attriċi ddikjarat li *"mhux qed tagħti l-eżenzjoni tagħha"*, fis-sens li kellhom jerġgħu jinstemgħu l-provi mill-ġdid. Kien għalhekk li l-Qorti ddiferiet il-kawża għall-provi dwar il-*prima facie*. Għalkemm dakinhar l-attriċi kellha kull opportunità li tagħti l-eċċezzjoni għar-rikuża tal-Maġistrat, ma tathiex. Kif dakinhar l-attriċi ħadet il-pożizzjoni li l-provi għandhom jinstemgħu mill-ġdid, kieku kellha xi oġġezzjoni li l-istess Maġistrat tkompli tippresjedi l-Qorti, kellha tiddikjaraha dakinhar u mhux fis-seduta ta' wara (23 ta' Novembru 2022). M'għandhiex raġun l-attriċi meta qalet li *"... issollevat dan l-ilment fl-ewwel opportunità li hija kellha ...."*. Il-provi juru mod ieħor.

19. *Inoltre*, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022 l-attriċi bbażat l-eċċezzjoni tar-rikuża fuq l-Art. 734(1)(d) tal-Kap.12. Il-Qorti tifhem li l-attriċi kienet qiegħda tirreferi għall-paragrafu (ii), ċjoè meta l-kawża tkun diġà ġiet quddiemu bħala ġudikant. Però skont il-*proviso* dik ir-raġuni ma tgħoddx għal deċiżjoni mogħtija mill-ġudikant *".... meta ma tkunx qatgħet*

*definittivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet....”*. Id-deċiżjoni li tat il-Qorti fit-termini tal-Art. 402 tal-Kodiċi Kriminali m'għandha x'taqsam xejn mal-meritu tal-kwistjoni.

20. Ġialadarba m'hemmx ksur għal jedd fundamentali għal smigħ xieraq, m'hemmx ħtieġa li jiġi kkunsidrat it-tielet aggravju.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti li quddiemha qiegħda tinstema' l-kumpilazzjoni 552/2021 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v. Mary-Louise Attard xebba Tonna.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da